MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 120/2002/1

**Rikors Nru: 120/02**

**Joseph u Maria Stella konjugi Cini**

**vs**

**Francis Micallef**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huma jikru lill-intimat Francis Micallef il-fond 129, Triq Guze' Pace, Hamrun, versu l-kera ta' tnejn u hamsin lira (Lm52) fis-sena, jithallas kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fil-15 ta' Dicembru, 2002.

Illi l-intimat ghamel hafna hsara fil-fond u nonostante diversi sollecitazzjonijiet biex jirrimedja din is-sitwazzjoni, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-fond fit-tmiem tal-kiri korrenti.

Bl-ispejjes

Ra li l-intimat la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta ta' llum.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra li dehru r-rikorrenti.

Ra l-artikolu 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah jerghu jiehdu f'idejhom il-fond 129, Triq Guze' Pace il-Hamrun; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar zmien millum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat.

Dep./Reg

Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------